MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2004

Numru 227/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Simon Galea**
**Spettur Dennis Theuma**
v

**JOSEPH LOFTUS**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH LOFTUS** ta' erbgha w sittin sena bin Carmelo u Tessie nee Cassar, imwieled l-Hamrun nhar l-erbgha ta' Awissu 1956 u rsidenti Flat 1, Entratura A, Binja Vista, Triq il-Gummar, B'Kara, detentur tal-karta tal-identita numru 530456M gie mressaq quddiemha akkuzat;

1. Talli f'B'Kara nhar l-erbatax ta' Novembru 2002 b'mezzi xort'ohra minn dawk specifikament imsemmija fil-Kodici Kriminali, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli specifikament fuq proprjeta w oggetti appartenenti lil Alex Buhagiar detentur tal-karta tal-identita numru 280961M u residenti fl-istess blokk ta' appartamenti, liema hsara tammonta ghal izjed minnhamsin lira u izda inqas minn hames mitt lira maltin.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta' haddiehor jew sabiex jinzamm l-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-istess Qorti.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat d-dokumenti kollha esibiti f'dawn l-atti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali esibit fl-atti markat bhala dokument CSH 2 a fol 18, datat tmienja w ghoxrin ta' Frar 2003 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda ta' Alexander Buhagiar moghtija nhar l-ewwel ta' Marzu 2004 jirrizulta li effettivament il-valur tal-hsara tax-xini tal-injam li spicca mkisser fl-allegat incident jammonta ghal hamsa w erbghin lira maltin kif stmat minn Peter Bonello li ghamel l-istima relattiva fuq rikjesta tal-istess Alexander Buhagiar u li tinsab esibita fl-atti bhala dokument 'Z' mill-istess Alexander Buhagiar.

Illi skond l-provisio tal-artikolu 325 jirrizulta li ebda procediment ma jista jittiehed mill-Prosekuzzjoni ghal prosegwiment ta' dan ir-reat u cioe ta' hsara voluntarja

jekk il-valur ma jeccedix l-hamsin lira maltin jekk mhux bil-kwerela tal-vittma.

Issa f'dan il-kaz jirrizulta li l-vittma huwa Alexander Buhagiar u skond ix-xhieda moghtija mill-istess Alexander Buhagiar nhar l-ewwel ta' Marzu 2004, huwa m'ghandu ebda interess fl-ezitu ta' dawn il-proceduri w in effetti rrinunzja ghal azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat.

**In vista ta' din ix-xhieda, ghalhekk wara li l-Qorti rat l-artikolu tal-ligi 325( c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta applikabbli ghal dan il-kaz, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------